# KWADRU TA' SAN GEJTANU FIL-KNISJA TA' SAN ĠWANN BATTISTA FIS-SIĠĠIEWI

*tagħrif miġbur minn Mario Fenech*




Fil-limiti tar-raħal tas-Siġġiewi hemm numru ta' knejjes żgħar b'uħud minnhom mibnija sekli ilu. Waħda minn dawn il-knejjes żgħar hija dik iddedikata lil San Ġwann Battista. Din tinsab fit-tarf tal-pjazza faċċata knisja oħra żgħira ddedikata lil Santa Marija u magħrufa bħala 'Ta' Cuerra.'

Il-knisja tal-Battista inbniet fl-1730 minn Fra Antonio Cutajar. Dan kien wieħed mis-saċerdoti li kienu jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, u kien għalhekk li din il-knisja ġiet iddedikata lil dan il-qaddis Patrun tal-Ordni. Fost il-kwadri li nsibu f'din il-knisja hemm dak ta' San Gejtanu li mhux magħruf min kien l-artist li pittru.

Naraw li l-artist pitter lill-Madonna bilqiegħda fuq tron ta' sħab abjad. Liebsa mant kaħlani. Tidher f'mumenti wara li tat lill-Bambin Ġesù lil San Gejtanu. Madwar ras il-Madonna hemm dija dehbija li tagħti glorja lil din ix-xena.

F'dan il-kwadru naraw lil San Gejtanu għarkopptejh b'rasu baxxuta qed iżomm lill-Bambin f'idejh. Fl-art ħdejn il-figura ta' San Gejtanu hemm ġilju abjad u l-ktieb tar-regola.

Fatt interessanti f'dan il-kwadru huwa li fil-parti ta' fuq ħdejn il-figura tal-Madonna, jidher San Ġużepp. Lil San Ġużepp narawh bil-ġilju abjad f'idu josserva b'attenzjoni din ix-xena sabiħa.

## TALBA TA' SAN GEJTANU

Hares, Mulej Missier Qaddis, mill-maqdes tiegħek u mid-dar tiegħek fil-għoli tas-Smewwiet, u ara dan is-sagrifiċċju qaddis li qed joffrilek il-Qassis il-Kbir tagħna u Qaddej Qaddis tiegħek, il-Mulej Ġesù Kristu għad-dnubiet ta' ħutu, u aħfrilna l-ħafna ħażin tagħna.

Isma' leħen id-Demm ta' huna Ġesù li qed jgħajjatlek mis-salib. Mulej ismagħna, Mulej aħfrilna, hu ħsiebna u ieqaf magħna. Fi tjubitek iddumx ma tgħinna, Alla tagħna, għaliex aħna sejjaħnielek biex tħares din il-belt u dan il-poplu tiegħek. Imxi magħna ta' Alla ħanin li inti.